# LIL ROSARIO BRIFFA

## IL-BOGĦOD MINN MALTA

*Werqa plejju lil Dun Karm.*

Rajtek, poeta, dak il-lejl titbiegħed
Bil-lajma l-lajma mix-xtajtiet sbieħ tagħna,
Rajtek tittawwal u darb'oħra tħares
Fuq Malta tiegħek ġo l-idwal ferħana.

Rajtek, u l-mewġa dak il-ħin daqqitli
Il-għanja ħelwa illi nsiġt f'żgħużitek,
Sew sew kif smajtha l-ewwel darba waħdi
Mis-seħer kawwi illi għandek f'idek.

U ż-żiffa tfewwaħ bl-oħla bews tal-ħxejjex,
Tennietli l-karba tal-qlub żgħar Maltija,
Li fik tilfu l-għażiż tfajjel poeta
Li kxift ta' qlubhom id-drawwiet moħbija.

Imbagħ'd xejn aktar, għax id-dlam rebaħni
U biss bqajt nara l-ilmijiet sewdiena;
Ħassejt bħal ġamra q'ed tintefa f'qalbi,
Illħna ma' dwari ta' tnehid u ħniena.

L-għala, poeta, l-għala tlaqt hekk bikri?
F'sedqet il-ħajja kollok tama w saħħa,
Ħallejt lil Malta bi tfajliet u ż-żgħażagħ
Tormol mill-ħarsa tal-poeta tagħha.

Tfewwaħ ma' dwarna tar-rebbiegħa l-fewġa,
Ħajr iż-żgħużija, mnejn kull qalb tistagħna,
Tmewweġ l-egħlieqi ma' tar-riħ kull mewġa:
Inti fejn int, fejn int, poeta tagħna?

Inti fejn inti? Ma tismax elf għajta,
Ġejja mas-sirda f'dika l-art imbiegħda
Tfakkrek fis-sbejħa fost is-sbieħ art ċkejkna
Fejn ta' żgħużitek kollha l-ġrajja qiegħda?

Ejja darb'oħra, u darb'oħra ħeġġeġ
Liż-żgħażagħ tagħna, wild diċ-ċkejkna gżira:
Qajjem ġo qlubhom nar qadim u mbierek
Li qatt ma ħamel dina l-art ilsira.



Tassew li qalbek għada fostna tgħanni
Fil-versi msaħħra illi ktibt għalina;
Imm'aħna rridu li ngħożżuk ma' ġenbna,
La darba int tagħna f'dik il-pinna rżina.

Iva int għad tiġi, dak il-jum iżernaq
U miegħu nitma li s-smewwiet inewwel
Li fih int tara kollha mseħħa l-ħolma
Li int, poeta, ħlomt u xtaqt mil-lewwel.

Għawdex

**Giorgio Pisani**

# KRÎTKA

Ġiè f'idejna l-perjodiku reliġjuż "Santa Rita", maħruġ mill-Patrijiet Agostinjani, għadd ta' Jannar, 1932.

Ma fi ħsibniex nitkellmu fuq il-Perjodiku—dejjem imħawwar u mimli b'tagħlim sabiħ u fejjiedi għall-ġid tal-erwieħ—iżda fuq poeżija msemmija "Tifħir lil Isem Imkaddes ta Gesù" li dehret fih, fuq l-isem ta' Sac. A. Copperstone.

Aħna nafuh lil Dun Copperstone u nafu kemm hu qassis ħabrieki, għaqli u tar-ruħ: iżda dan ma jġigħelniex ingħaddu fuq il-poeżija tiegħu mingħajr ma ngħidulu kelma ta' kritka, mhux fuq il-ħsebijiet tiegħu f'dik il-poeżija li huma tajbin u tajbin ħafna, iżda fuq il-libsa letterarja li hu ta lil dawk il-ħsebijiet: u dan nagħmluh, għaliex minn għand Dun A. Copperstone nistennew ħwejjeġ aħjar.

Irridu l-ewwelnett ingħidulu xi ħaġa fuq l-Ortografija, għaliex jidher safi safi li waqa' f'dak il-għawġ ta' ħafna kittieba maltin li jiktbu l-kliem kif idoqq f'widejhom u ma jaħsbu xejn iżjed. L-Ortografija għandha l-liġijiet u r-reguli tagħha, u kull min irid jikteb tajjeb—u min jikteb versi naħsbu li jrid jikteb tajjeb—jinħtieġlu joqgħod għalihom.

Ingħidulu nbagħad illi s-Sengħa tal-Versi bil-malti għandha wkoll il-liġijiet u r-reguli tagħha, u qatt ma jista' wieħed jinseġ versi tajba, jekk ma jkunx jaf sewwa kif jinħadmu l-versi maltin: u xi versi joforqu l-hawn u l-hinn Dun Copperstone għandu.

Għandna iżda tama qawwija illi darb'oħra lill-ħabib tagħna ma nsibux xi ngħidulu.

**Cato.**